**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 137 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Sarah Barr**

Illum 25 ta Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Sarah Barr detentrici tal-karta tal-identita Maltija 315894 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Kellha vettura bil-mutur fit-triq li kienet qed tintuża mingħajr ma kellha licenzja mahruga jew mġedda mill-Awtorita' ghat- Transport f' Malta;

2. Bħala sid jew xufier tal-vettura msemmija naqset li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien liċenzja taċ-ċirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat- Trasport f'Malta;

3. Ippermetiet l-uzu ta vettura minghajr ma' din ma' kienet koperta b' polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta` terzi;

Illi b' sentenza tas-7 ta' Marzu 2023 l-ewwel Qorti lliberat lill-imputata mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet, izda sabieta hatja tal-imputazzjoni numru tlieta u kkundannata thallas multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) kif ukoll ghall-skwalifka milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan għal żmien sena u ġimgħatejn.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti wara li din il-Qorti wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputata mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet, sabita hatja tal-imputazzjoni numru tlieta u ċioe dik illi ħalliet lil Miguel Zammit juża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma' kienx hemm polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riski ta' terzi persuni. Għalhekk ikkundanatu tħallas multa ta' elfejn u hames mitt euro (€ 2,500). B'żieda mal-piena l-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u skwalifikat lill-imputata milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan għal żmien sena u ġimgħatejn.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sarah Barr, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn hija giet liberata mill- ewwel u t-tieni imputazjzoni u thhasarha fil-bqija u minflok tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanta Sarah Barr li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi l-ewwel Qorti ma' setghat qatt legalment issib htija fil-konfront tal-imputata ta' t- tielet impuatzzjoni u dan peress illi mill-provi prodotti irrizulta b ' mod

car illi l-vettura in kwistjoni giet misjuqa biss u fi propjeta privata u mhux fi triq pubblika ai termini tad-definizzjoni ta' "*triq*" skond il-kapitolu 104.

Mill-provi migbura minn imkien ma' jirrizulta sodisfacentement ippruvat l-uzu u/jew is- sewqan da parti tal-esponent f' xi triq pubbliku ohra u għalhekk ma' setghat qatt tinstab htija dwar din l-imputazzjoni. Kwalunkwe konkluzzjoni ohra dwar dan il-fatt ma' jkun xejn għajr interpretazzjoni u apprezzament mhux legalment ragonevoli tal-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti liema apprezzament ghalhekk jirrendi s-sejbien ta' htija wiehed *unsafe and unsatisfactory*.

2. Illi kemm għar-ragunijiet suesposti kif ukoll ghar-ragunijiet oħra li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, il-piena erogata kienet wahda eccessiva u li tehtieg ridimensjonament.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-eduta tal-11 ta’ Mejju, 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi f’din il-kawza l-apellant qed isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dan ghaliex fil-fehma tieghu waslet ghal gudizzju zbaljat u cioe’ wiehed li kien ‘*safe and unsatisfactory*’. Ghalhekk din il-Qorti trid tezamina mill-gdid l-provi kollha biex tara jekk l-Ewwel Qorti waslitx ghal gudizzju eroneju.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinietx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**[1];

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**[2];

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** [3];

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** [4];

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** [5];

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed**[6]; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** [7]

Ghalhekk din il-Qorti fliet l-provi imressqa u jirrizulta s-segwenti.

Illi PS 1043 J. Mallia xehed permezz t' affidavit prezenti fl-atti a fol. 2 fejn stqarr li nhar l-14 ta' Mejju, 2022, ghall-habta ta' 01.45, PS 1043 li kien 'on patrol' f'Paceville flimkien ma' PC 1552 saqu lejn id-Dragonara Hotel peress li kien hemm xi personnel li kienu gew dettaljati bhala fixed point. Ghal-habta ta' 1.50 a.m kien hemm Mazda bin-numru ta' reegistrazzjoi DCA 486 li dahlet hdejn ir-roundabaout tal-lukanda Dragonara

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-14 ta' Frar, 1989;
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it12 ta' Mejju, 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Gunju, 1994
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it--28 ta' April, 1995
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Novembru, 1995
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Marzu, 2010

(proprjeta privata) u saqet fid-direzzjoni hazina tar-roundabaaout. Il-mazda waqfet qabel ma harget minn hdejn id-Dragonara u s-sewwieq hareg mill-vettura u harab minn fuq il-post.

Jigi nnutat li z-zewg karozzi tal-Pulizija kienu pparkjati fuq in-naha tax-xellug tar-*roundabout* wara xulxin.

Huwa flimkien ma PC 1492 marru fid-direzzjoni ta' fejn kien hemm ix-xufier jimxi u huwa halla lil PC 1522 *fixed point* flimkien ma PC 284. Huwa u PC 1492 raw ix-xufier jaghmel l-awrina mal-hajt tad-Dragonara fit-triq principali faccata ta' Sky Club. Huwa qal lix-xufier tal-vettura li kien qed jghaddi l-awrina li dan kien illegali u li n-nies setghu jarawh u qallu li kien saq fuq in-naha hazina tar-roundabaout. Is-sewwieq gie mistoqsi sabiex jipprovdi il-licenzja tas-sewqan u l-karta t' identita' tieghu. Ix-xufier stqarr li kien halla d-dokumenti tieghu fil-hanut li ghandu. Ghalhekk huwa talbu sabiex jipparkja l-Mazda wara l-karozzi tal-pulizija. Is-sewwieq rega' saq hazin kontra is-sinjal tat-traffiu kontra ir-*round about* u waqaf ma l-*istop sign* qabel ma hareg minn hdejn id-Dragonara. Gie mitlub jirriversja u sabiex jipparkja sew. Meta rega' gie mitlub biex jghaddi d-dokumenti tieghu dan stqarr li ghandu biss ritratt tal-passaport tieghu fuq it-telefon. PC 1552 ghamel kuntatt mal-*control room* sabiex jikkonferma d-dettalji tas-sewwieq mill-passaport tieghu. Is-sewwiq kien Miguel Zammit. Il-licenzja tieghu kienet valida izda meta PC 1552 ghadda n-numru tal-pjanci tal-vettura mal-control room gie nnutat li l-vettura kellha licenzja t-triq skaduta u l-polza tas-sigurta kienet ukoll skaduta u sid il-vettura hija Sarah Barr.

Nel frattemp is-sewwieq tal-vettura mhux maghruf minnu din staqsiet lil PS 1492 jekk setghetx tipparkja il-vettura fil-car park sakemm johorgu t-ticket lill-gharus taghha ghaliex kellhom jattendu party u dan kien gja beda. PC 1492 halliha tmur fil-car park taht id-Dragonara Hotel.

Huwa flimkien ma' PC 1492 marru fil-*car park* sabiex jivverifikaw il-validita tal-polza tas-sigurta u tal-licenzja. Appena waslu mal-vettura, Sarah sid il-vettura ammettiet li kienu invalidi. Cemplu lil *control room* u gie nnutat li Sarah kellha l-licenzja taghha tas-sewqan revokata minn Transport Malta.

Gew infurmati li l-pulizja kienet ser tohrog l-akkuzi fil-konfront taghhom. L-appellanti giet mgharrfa li kien ser ikollha akkuza li ippermettiet lil Miguel isuq il-vettura meta kienet taf li ma kienx kopert bi polza ta' sigurta u minghajr licenzja tat-triq valida mahruga minn Transport Malta,

PC 1492 Jason Caruana xehed permezz t' affidavit li jinsab esebita fl-atti a fol. 7 tal-process. Dan stqarr li nhar l-14 ta' Mejju, 2022, ghall-habta tas-01.50 a.m huwa flimkien ma PC 1492 Jason Caruana nnutaw vettura tal-ghamla Mazda ta kulur Silver bin-numru ta' registrazzjoni DCA 486 fejn dahal fid-direzzjoni tar-roundabaout tal-Westin Dragonaa Resort fuq il-lnja opposta ( wrong side).

Ix-xufier tal-imsemmija vettura hareg minn gol-vettura fejn telaq jigri ghal go triq Deagonara. X'hin raw hekk huwa u s-surgent PS 1043 James Mallia marru wara ix-xufier fi Triq id-Dragonara faccata ta' l-iSky Club. X'hin waslu hdejn l-imsemmija persuna (xufier) PS 1043 kellem lil din il-persuna rigward li wiehed ma jistax jaghmel il-bzonnijiet tieghu fi triq pubblika u sabiex itih l-karta ta' identita u d-dokument tal-licenzja tas-sewqan. Din il-persuna qaltlu li dokumenti fuq ma kellux u li jismu Miguel Zammit bin-numru tal-karta ta' identita 467997(M). Il-persuna giet ordnata biex isuq l-imsemmija vettura wara l-vetturi taghhom fil-genb tat-triq ghaliex kienet ta' perikolu wieqfa fit-triq fid-direzzjoni hazina.

Il-persuna li kien fuq in-naha tal-passigier ta' quddiem tal-vettura li jisimha Sarab Barr staqsietu biex jipparkja l-vettura fil-*car park* privat tal- Westin Dragonara fejn qallha biex issuq bil-mod sal-*car park* fejn mexa warajha. Dak il-hin cempel lil *control room* tal-

pulizija fejn bin-numru ta' registrazzjoni DCA 486 mill-control room qalulu li sid l-vettura hija Sarah Barr u ghandha il-licenzja revokata minn Transport Malta.

Rat l-okkorenza redatta minn PS 1043 James Mallia esebita fl-atti a fol. 9 et seq tal-process.

Rat ix-xhieda ta' **Karen Cremona** moghtija in rappresentanza ta transport Malta nhar id-29 ta' Novembru, 2022, fejn stqarret li l-vettura tal-ghamla Mazda Demio numru ta' registrazzjoni DCA 486 hi ta' kulur silver u tghajjat lil Srah Barr u ilha hekk registrata f'isimha minn 31 ta Mejju 2014. Il-licenzja kienet skadiet fit-20 t' April, 2022, u giet igaraxxjata fl-20 ta' Mejju, 2022.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li verament l-appellanti saqet il-vettura Mazda Demio numru ta' registrazzjoni DCA 486 fi triq privata u cioe' hdejn ir-roundabaout tal-lukanda Dragonara li tinsab fi triq privata kif anke ammess mill-pulizija PS 1043 Mallia fl-affidavit tieghu u ghalhekk skond l-appellanti ma tistax tinsab hatja tat-tielet akkuza kif migjuba fil-konfront taghha. Illi skond it-tifsira ta triq li tohrog mid-definizzjoni moghtija fil-kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta 'Triq' tfisser triq, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni jew post ieħor ta' mogħdija għall-pubbliku ghalhekk ma hemmx dubbju li fejn saq Miguel Zammit u cioe' mar-roundabaout tal-lukanda Dragonara hu post u cioe' pjazzetta minn fejn jghaddi il-pubbliku u konsegwentement taqa fid-definizzjoni tal-ligi ta' triq accessibli ghal pubbliku.

Illi kemm PS 1043 kif ukoll PC 1492 it-tnejn qalu li raw lil Miguel Zammit isuq il-vettura tal-appellanti u cioe' l-Mazda DCA 486 tinstaq minn fejn ir-roundabout tad-Dragonara Hotel kontra is-sinjal tat-traffiku meta l-appellanti kienet mieghu fil-vettura. Illi l-appellanti ma ressqet l-ebda prova sabiex teghleb il-prezunzjoni li tohrog

mill-ligi u cioe' dik imsemmija fl-artikolu 3 (1A) tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi is-segwenti:-

> *"(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reattaħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikattal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)"*

Konsegwentement l-Ewwel Qorti kellha ragun issib lill-appellanta hatja tat-tielet akkuza.

Illi l-appellanti interponiet aggravju ukoll mill-quantum tal-piena imposta mill-Ewwel Qorti. Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** [8]l-Onorabbli Qorti sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

[8] Deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [9], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[10] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** [11]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [12], fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell marament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Din il-Qorti ma hiex ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qort wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt. Issa fil-kaz I desamina jirizulta bic-car li l-piena inflitta hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u mhux lejn il-massimu taghha. Ghaldaqstant ghandha tigi konfermata.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellanti mill-ewwel zewg akkuzi u sabet htija fil-konfront tat-tielet akkuza u ikkundannat lill-appellanti ihallas l-multa t' elfejn u hames mitt ewro (€2500).

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003
[10] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[11] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[12] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

Dwar it-talba tal-iskwalifika din hija tassattiva u ghalhekk din il-Qorti qieghda ukoll tikkonferma l-ordni ta' skwalifika mahruga fuq l-appellanti ghall-perijodu ta' sena u gimghatejn mill-illum f'nofs il-lejl.

Din il-Qorti qieghda tattira l-attenzjoni tal-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja sabiex jiehu konjizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza w dan ghaliex l-legislatur **naqas** li jipprovdi piena erogabbli ghal dawn l-imputazzjonijiet u dan ghaliex il-pieni applikabbli taht ir-regolament 44 (7) tal L.S 368.02 ma jistghux jigu erogati mill-Qorti stante illi l-legislatur ma pprovdiex jekk dawn humiex multi jew ammendi.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**